MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 372/2011

**Il-Pulizija
(Spt. Ramon Mercieca)
Vs
Joseph Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Scicluna (ID no. 268545M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli għan-nom u in rappreżentanza ta' Driveline Services Ltd. u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (8) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fit-28 ta' Frar, 2002 sat-30

ta’ Novembru 2003 u dan bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 66 u artikolu 76(c) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Settembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ tmien mitt Euro (€800).

Il-Qorti b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998 ordnat lill-appellant sabiex fi zmien tliet xhur jikkonforma ruħu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax il-Euro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta’ Settembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u thassaraha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Joseph Scicluna ghal piena ta’ multa ta’ €800 kif ukoll multa ta’ €15.00 il-Euro ghal kull jum li fih l-appellant jonqos milli jottempora ruhu mad-disposizzjonijiet tal-Att Nru. XXIII ta’ l-1998 wara l-iskadenza tal-perjodu ta’ tlett xhur imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bis-sentenza su riferita u minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa fic-cirkostanzi, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u ċioe':-

Illi l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti hija eccessiva u ma tiehux kont tac-cirkostanzi li wasslu lill-appellant ghal dawn il-proceduri kif ukoll tas-sitwazzjoni li jinsab fiha llum l-appellant.

Illi jibda biex jinghad li s-sitwazzjoni finanzjarja li spicca fiha l-appellant kienet rizultat ta’ fatt li jmur lil hinn mir-

rieda ta' l-istess appellant. Di fatti l-istess appellant kien ipprova b'kull mod jilhaq ftehim mal-kreditur bankarju tas-socjetajiet kummercjali Driveline Services Limited u Tyre Services Limited ghall-hlas ta' dawn l-ammonti u minkejja kollox, il-bank eziega li l-propjetajiet ta' l-imsemmija socjetajiet kif ukoll ta' l-appellant gew mibjugha sabiex jigi saldat l-imsemmi dejn.

Illi b'rizultat dirett ta' dawn l-azzjonijiet, l-appellant tilef kull propjeta` li kellu hu personalment kif ukoll is-socjetajiet kummercjali msemmija, ghajr showroom fi Psaila Street, Birkirara u temm l-attivita` kummercjali tieghu b'dan illi kien kostrett isib impjieg alternattiv sabiex jghajjex il-familja tieghu. Illi ghar-rigward ta' l-imsemmija showroom, ghad hemm proceduri pendenti ta' bejgh fl-irkant bil-Qorti.

Illi ftit wara li l-kreditur bankarju iddecieda li jitlob lis-socjeta` kummercjali Tyre Services Limited thallas id-dejn kollu dovut l-appellant gie rinfaccjat bi problemi finanzjaji stretti u ma kienx f'posizzjoni li jhallas, imqar in parte, l-ammonti dovuti lid-Dipartiment tal-VAT. Illi di piu din is-sitwazzjoni finanzjarja imwieghra kompliet taggrava bil-fatt illi l-uniku dhul li ghandu l-appellant fil-gurnata tal-lum hija s-somma ta' madwar €850 fix-xahar bhala penzjoni ta' l-eta`.

L-appellant jissottometti illi hu qieghed jghix u jghajjex il-familja fuq il-penzjoni li jircievi mill-Gvern Centrali. Di piu, l-appellant m'ghad fadallu l-ebda proprjeta` jew flus imgemmghin. Illi fic-cirkostanzi partikolari li jinsabu fihom l-appellant u l-familja tieghu llum, din il-multa hija wahda eccessiva u ma tiehux kont tal-fatt illi n-nuqqas ta' hlas ta' l-ammont dovut lid-Dipartiment tal-VAT m'huwiex rizultat ta' xi spavalderija min-naha ta' l-appellant izda kien biss rizultat ta' diffikultajiet finanzjari li habtu kontra l-appellant.

Illi l-appellant qieghed fi trattativi mad-Dipartiment tal-VAT sabiex jigi registrat privilegg a favur il-Kummissarju tal-VAT fuq is-showroom li tinsab fi Psaila Street, B'Kara. Hawnhekk irid jinghad ukoll illi ladarba jigi registrat dan l-imsemmi privilegg, id-Dipartiment tal-VAT jithallas biss la darba din il-proprjeta` ssib il-bejgh fl-Irkant bil-Qorti, Dan

ifisser illi l-appellant m'ghandux kontroll effettiv ta' meta l-ammont dovut se jithallas lid-dipartiment tal-VAT propju ghaliex l-appellant m'ghandux kontroll fuq il-bejgh ta' din l-imsemmija propjeta`.

Illi minkejja li l-appellant qieghed jaghmel minn kollox sabiex jithaffef il-process tal-bejgh ta' l-imsemmija showroom, hu ma jista` jaghmel xejn aktar hlief li jistenna dan il-bejgh bil-konsegwenza li dan potenzjalment jista` jdum oltre mit-terminu ta' tlett xhur imposti mill-Ewwel Qorti b'rizultat detrimenti fuq l-istess appellant ghaliex f'dak il-kaz, tiskatta l-multa ta' €15 ghal kull jum li ddum ma tinbiegh il-propjeta` msemmija.

Illi jidher li l-hsieb wara l-ewwel proviso tal-artikolu 76 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa sabiex bniedem moruz fil-pagamenti mad-Dipartiment tal-VAT ikun inkoraggut ihallas lill-istess Dipartiment fi zmien impost mill-Qorti u b'hekk jevita li jhallas il-penali gornaljera. Illi madanakollu dan l-ispirtu tal-ligi jilhaq l-ghan tieghu biss f'dawk il-kazi fejn il-persuna moruza ghandha kontroll effettiv ta' meta rista' tissodisfa l-pendenzi taghha mad-Dipartiment tal-VAT.

Illi fil-kaz odjern, madankollu, dan il-principju qiweghed johloq incertezza u qed ihalli lill-appellant espost ghall-hlas ta' multi potezjalment gholjin hafna minghajr ma ghandu kontroll fuq meta jista` jieqaf jehel dawn il-multi. Dan qieghed jinghad ghaliex l-unika mod ta' kif il-pendenzi mad-Dipartiment tal-VAT jistghu jigu onorati huwa tramite l-privilegg – la darba dan jigi registrat – u ladarba jsir il-bejgh ta' l-imsemmija showroom. Dawn huma zewg fatturi li l-appellant m'ghandu l-ebda kontroll fuqhom. Di piu` l-perjodu taż-żmien mehtieg sabiex isir dan il-bejgh jista` potenzjalment jigi estiz ghal numru kbir ta' xhur li jeccedu l-perjodu ta' tlett xhur moghti mill-Ewwel Qorti lill-appellant sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jissottometti illi f'dawn ic-cirkostanzi, l-appellant qieghed espost ghall-multa kumulattiva ta' madwar €450 fix-xahar minghajr ma ghandu kontroll fuq meta jista`

jieqaf jehel din il-multa gornaljera. Jigi sottolineat illi din il-multa kumuluttiva teccedi aktar min-nofs tad-dhul ta' l-appellant – liema dhul qieghed jghajjex ukoll il-familja ta' l-appellant.

Illi hawnhekk qeghda ssir referenza wkoll ghall-principju ad impossibilita nemo tenetur. Illi anke jekk stess, ghall-grazzja ta' l-argument biss, l-appellant ikun kostrett ihallas multa ghal xahar wiehed biss, l-ammont tal-multa fuq perjodu ta' xahar ser ihalli lill-appellant u l-familja tieghu fi stat ta' faqar. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-appellant illum hija talment prekarja li huwa impossibbli ghall-appellant li jhallas €15 kuljum ghal perjodu indefinittiv li potenzjalment jista' jdum xhur jew sahansitra snin !

Illi fid-dawl tas-suespost, l-appellant jissottometti li huwa jinsab fl-impossibilita` finanzjarja li jhallas il-pieni imposti mill-Ewwel Qorti, partikolarment bil-fatt illi l-piena gornaljera ta' €15 il-Euro kuljum – kemm il-darba l-propjeta` tax-xhowroom ma tinbiegħx entro tliet xhur imposti mill-Ewwel Qorti – ser tohloq incertezza u se tesponi lill-istess appellant għal multa potenzjalment gholja bl-aggravju li m'għandu l-ebda kontroll ta' meta jista` jieqaf iħallas dan l-ammont ġornaljer.

Ikkonsidrat
Rat il-verbal tas-27 t'April, 2012 li fih il-Qorti ordnat li l-appelli 371/11 u 372/11 jinstemgħu kontestwalment. (Fol 20).

L-ewwelnett din il-Qorti ma tbiddilx deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti jekk din tkun waħda li għaliha l-Qorti setgħet tasal kemm legalment kif ukoll raġjonevolment.

Semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

L-ewwel xhud kienet is-sinjorina Connie Azzopardi, rappreżentanta tal-VAT Department li qalet li l-appellant kien għadu ma kkonfermax ruħu dwar żewġ accounts – dawk ta' Driver Line Services Limited kif ukoll ta' Tyre Services Limited. Fix-xhieda tagħha, ir-rappreżentanta

kkonfermat li VAT dovut għal perjodi indikati fiż-żewġ ċitazzjonijiet għadu mhux dovut. Għal tax period wieħed – dak li kien jagħlaq fit-30 t'April 2001 kien hemm credit u allura ma kienx hemm ammonti dovuti.

Fil-kontro-eżami hija spjegat li d-denunzji daħlu tardivament u daħlu mingħajr ma kien hemm il-ħlas dovut. Fihom kien jidher ukoll l-ammont dovut mill-appellant.

It-tieni appellant kien Joseph Scicluna nnifsu li spjega kif għal ħabta tas-sena 2000 beda jiġri warajh il-bank biex iħallas lura self li kien jammonta għal somma kbira ħafna. Huwa qal li fis-sena 2004 huwa kien mar id-Dipartiment sabeix jgħidilhom jagħmlu privileġġ fuq showroom tiegħu sabiex ikunu jistgħu jitħallsu ta' dak kollu li hemm pendenti. Huwa qal li huwa ma setax jiġbed flus li jmorru fl-accounts tal-bank. Il-bank dar saħansitra fuq il-propjeta' personali tiegħu.

Il-Qorti rat ukoll id-dokument esibit a fol 21 li huwa reġistrazzjoni ta' privileġġ mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra Tyre Services Limited b'diversi ammonti indikati fil-kreditu. Dan il-privileġġ iġib in numru 15579/2011.

Ikkonsidrat

Mix-xhieda prodotta, il-Qorti hija soddisfatta li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-appellant. Prattikament lanqas hemm kontestazzjoni dwar dan.

Id-difiża qed tissottometti li dan hu każ ta' 'ad impossibilia nemo tenetur.'

Il-Qorti frankament ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-flus kienu jinġabru bħala VAT u allura dawn kellhom jintbagħtu lid-Dipartiment tal-VAT u mhux jispiċċaw għand il-bank kreditur. Il-fatt li wieħed għandu dejn kbir u li l-kreditur qed jiġri warajh bis-sħiħ ma jeżentahx milli jħallas dak li hu dovut lid-Dipartiment tal-VAT għax il-flus miġbura bħala VAT la huma tiegħu (f'dan il-każ tal-appellant) u

lanqas tal-kreditur. Ma jistax wieħed jinvoka l-prinċipju msemmi jekk ma jkunx ħa ħsieb li dak li ġabar għall-VAT mar għand id-Dipartiment sempliċiment għax il-preżenza tal-kreditur privat tkun qed tinħass aktar. Għalhekk il-Qorti mhix tilqa' dan l-'aggravju' jew sottomissjoni.

Dwar l-ammont ta' multa impost il-Qorti tirreferi għal dak li jgħid l-artikolu 76 tal-Kap 406. Dan jgħid hekk:

***'tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn seba' mitt euro (€700) u mhux iżjed minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500) u, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-qorti għandha tordnalha biex tikkonforma ruħha mal-liġi fi żmien biżżejjed biex tkun tista' tagħmel dan, iżda f'kull każ mhux iktar minn tliet xhur, u fin-nuqqas min jagħmel ir-reat ikollu iħallas multa oħra ta' mhux inqas minn ħames euro (€5) u mhux iktar minn għoxrin euro (€20) għal kull żmien li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien mogħti mill-qorti:***

***Iżda persuna li tagħmel ir-reat tista', sa żmien tletin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni finali, tagħmel rikors lill-Qorti li sabitha ħatja, u titlob maħfra sħiħa jew parzjali tal-penali imposta taħt dan l-artikolu. Il-Qorti tista' tikkonċedi maħfra sħiħa jew parzjali ta' din il-penali kemm-il -darba l-prosekuzzjoni, bi qbil bil-miktub mal-Kummissarju li għandu jkun magħmul ma' kull risposta għal tali rikors, taqbel ma' dan ir-rikors. Kull rikors bħal dan għandu jiġi notifikat lill-prosekuzzjoni li għandha tirrispondi fi żmien ħmistax-il ġurnata xogħol minn meta tiġi notifikata.'***

L-Ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lill-imputat iħallas €800 bħala multa. Din hija qrib il-minimum possibbli u allura żgur ma tistax tissejjaħ esaġerata. Isegwi li l-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju.

Dwar iż-żmien mogħti mill-Ewwel Onroabbli Qorti sabiex l-appellant jikkonferma ruħu mal-liġi, dan huwa l-massimu li setgħet tagħti l-Ewwel Onorabbli Qorti skont il-Liġi li

tindika massimu ta' tliet xhur. Għaldaqstant ukoll dan l-aggravju qed ikun miċħud.

Dwar il-multa li tidħol fis-seħħ kull jum wara li jgħaddu t-tliet xhur, il-Qorti għażlet €15 kull jum meta l-massimu kien ta' €20. Dwar dan, din il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha, sejra tbiddel ir-rata ta' €15 kull jum għal dak ta' €5 kull jum, li huwa l-minimu permess mil-Liġi.

Għaldaqstant il-Qorti sejra tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-22 ta' Settembru 2011 billi waqt li tikkonfermha fejn sabet ħtija tal-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u imponiet multa ta' €800 qed tirriformaha billi tħassar dik il-parti mis-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti imponiet multa ta' €15 kull jum jekk l-appellant jonqos li jikkonforma ruħu mal-Liġi u minflok qed tikkundannah iħallas multa ta' €5 kull jum jekk huwa ma jikkonformahx ruħu fi żmien tliet xhur li jibdew jgħaddu mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------